MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2013

Numru. 1162/2011

**Il-Pulizija**
**[Spettur Spiridione Zammit]**
**[Spettur Jurgen Vella]**

**vs**

**Kenneth Cassar**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Kenneth Cassar detentur tal-karta tal-identita` numru 470480M.

Akkuzat talli:
1. Fid-19 ta’ Ottubru 2011, ghall-habta tal-10.00 p.m. u hinijiet wara waqt li kien fi Triq l-Isqajjaq Hal Tarxien, u f’dawn il-gzejjer ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioe` ghamel hsara fuq bieb ta’ residenza li ggib l-isem 23, Gabriel, fi Triq l-

Isqajjaq, Hal Tarxien, liema hsara tiskorri 1165.69 Euros ghad-detriment ta' Lourdes Magro minn Hal Tarxien u persuni ohra;

2. Talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi bl-imgieba tieghu kkaguna biza' lil Anita Magro u Lourdes Magro, Jeffrey Magro u Ramona Magro li ser tintuza' vjolenza kontrihom jew kontra l-proprjeta` taghhom jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuni ohra;

3. Talli ukoll, fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, garr il-barra minn xi fond jew ditorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta kienet minghajr ma kellu permess minghand il-kummissarju tal-pulizija;

4. Talli ukoll, fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi minghajr ma dorob jew sawwat lil Anita Magro, Lourdes Magro, Jeffrey Magro u Ramona Magro, mill-Fgura qabad arma, cioe` sikkina kontrihom jew kontra persuni ohra;

5. Ukoll talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, b'xi mod iehor mhux imsemmi band'ohra fil-Kodici Kriminali kiser volontarjament il-buon ordni jew il-kwiet pubbliku;

6. Ukoll talli bil-lejl fl-istess cirkostanzi kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat jew b'mod iehor;

7. Talli wkoll fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi ghamel lil Anita Magro, Lourdes Magro, Jeffrey Magro u Ramona Magro mill-Fgura u Hal Tarxien ingurji jew theddid mhux imsemmi band'ohra fil-Kodici Kriminali.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija tapplika l-Artikolu 412C sabiex tipprovdi ghas-sigurta` ta' Anita Magro, Lourdes Magro, Jeffrey Magro, Ramona Magro u Charlene Muscat, kif ukoll tapplika l-provvedimenti tal-Artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap. 9 tal-Ligjiet ta' Malta.
Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih.

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

**PROVI**

Mix-xhieda ta'**Anita Magro** jirrizulta illi l-imputat huwa l-ex mahbub taghha minn min ghandha erbat'itfal. Hija xehdet li dakinhar filghodu kellhom argument bil-messaggi u hi marret taghmel rapport l-ghassa. Fil-ghaxija ta'dak in-nhar u cioe` f'xi l-ghaxra (10.00p.m.) semghet tisbita fuq il-bieb tal-appartament taghha u meta marret biex tara rat lill-imputat rega' niezel isfel b'sikkuna f'idejh u beda jghajjarha u joffendiha. Hija kompliet tixhed illi l-imputat minn dejjem kien vjolenti maghha u fil-fatt kienu ghaddejjin procedura kriminali fil-konfront tieghu fuq dawn l-allegat swat. Hija stqarret ukoll li kienet tibza' minnu.

Xehdet ukoll **Lourdes Magro** li tigi omm Anita Magro u rrakkuntat li dakinhar filghaxija semghet it-tifrik mal-bieb ta' barra u semghet il-vuci tal-imputat jghajjat u jheddidhom. Hija ma ratx wicc l-imputat ghaliex baqghet tiehu hsieb it-tfal li kienu gewwa d-dar imwerwrin.

Xehed **Jeffrey Magro** li jigi hu Anita Magro li dakinhar tad-19 ta' Ottubru filghaxija sema' hafna thabbit fuq il-bieb ta' barra tad-dar taghhom u mar jittawwal minn gol-gallarija u ra lill-imputat jaghti daqqa ta' sieq lil bieb taghhom u mbaghad mar gol-karrozza tieghu u rega' gie lura b'xi haga f'idu jghajjat u jghid kliem oxxen u theddid kontrihom. Hu qal li l-bieb kien mifqugh izda rega' sammru lura sabiex ikun jista' jinghalaq.

Xehdet ukoll **Ramona Magro** li tigi oht Anita u din ikkonfermat ukoll dak li xehdu l-familjari taghha izda hi ma ratux lill-imputat izda semghet lehnu.

Semghet ix-xhieda taz-zewg spetturi li investigaw il-kaz li rrakkontaw ir-rapport maghmul minn Anita Magro u l-familjari taghha u li spjegaw ukoll illi huma sabu sikkina fil-karrozza tal-imputat li din kienet tappartjeni lil omm Anita Magro. L-Ispettur Jurgen Vella esebixxa stima tal-hsarat

tal-imsemmi bieb li kienet tammonta ghal elf u mitejn Ewro minghajr VAT inkluz. Din l-istima giet ikkonfermata bil-gurament mill-mastrudaxxa u cioe` Rosario Zammit a fol 82 tal-process.

Finalment xehed l-imputat Kenneth Cassar illi huwa dejjem innega illi dak in-nhar tad-19 ta’Ottubru kien hdejn ir-residenza ta’ omm Anita Magro fl-10.00 p.m. tant hu hekk illi huwa kien ha citazzjoni hdejn ir-residenza tieghu Marsascala dak in-nhar fil-11.35 p.m.
Fl-ahharnett regghet xehdet Anita Magro illi qalet li tahfer lill-imputat u li huma regghu irrikonciljaw flimkien u li ma tinsistix fuq l-akkuzi kontrih.

**Kunsiderazzjonijiet**

Illi l-imputat minn dejjem innega l-akkadut u cioe` li dakinhar tad-19 ta’Ottubru 2011, ghall-habta tal-10.00 p.m. ghamel xi strobju jew ikkaguna xi hsara fuq ir-residenza tal-genituri ta’ Anita Magro fiz-Zabbar. Fil-fatt it-tezi tieghu dejjem kienet li dan kien komplott min-naha ta’ Anita u tal-familjari taghhom sabiex idahhluh fil-Qorti u jigi kkundannat. Huma pero` fil-fatt xehdu li mhux l-ewwel darba li ffastidjahom u ghal dan il-ghan ingabu diversi rapporti sabiex juru a ‘course of conduct’ min-naha tal-imputat in sostenn ta’ din l-akkuza. Imbaghad kien hemm ix-xhieda ta’ Anita Magro illi hafret lill-imputat u ddikjarat li hija qeghda tghix mieghu stante li kien hemm rikonciljazzjoni.

Illi ghaldaqstant, il-Qorti tikkonkludi illi filwaqt il-provi tal-prosekuzzjoni kienet wahda skjaccanti kontra l-imputat bix-xhieda taghhom li kienu kollha konsistenti fuq il-fatti reali tal-akkadut, qed taghti l-beneficcju tad-dubju versu r-rikonciljazzjoni bejn il-partijiet billi taghti l-minimu permissibbli mil-ligi u dan sabiex ma tikkreja l-ebda animozita` bejn il-partijiet u l-familjari taghhom.

Illi ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 251B, 325 (a), 338 (dd), 338 (m), 339 (b), 339(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’Malta, u l-Artikolu 6 u 51(7) tal-Kap 480, qed issib lill-imputat Kenneth Cassar hati tal-akkuzi 1, 2, 3, 5, 6, u 7 u

minflok tinfliggi piena qed tpoggih that probation order that l-Artikolu 7 tal-Kap 446 ghal zmien sentejn filwaqt li qed timponi Protection Order taht l-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta anness ma' din is-sentenza u dan ghal zmien sentejn (2) millum. Il-Qorti qed tikkundanna ukoll lill-imputat sabiex ihallas is-somma ta' mija u sittax Ewro u sebgha sittin centezmu (€116.47) multa u dan a rigward is-sitt (6) akkuza.
Filwaqt li tilliberah mir-4 akkuza stante li ma giex ippruvat li hu uza s-sikkina kontra l-persuna ta'Anita Magro jew il-familjari taghha u ghalhekk tilliberah minn din l-akkuza.

Finalment, spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta u tordna li kopja tal-Probation Order annessa mal-odjerna sentenza tigi komunikata lid-Direttur tal-Probation u Parole.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------